IL-BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

**Minuti tal-Laqgha 44 (06)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Laqgha Numru 44(06) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar is-sitta (6) ta' Jannar 2015 fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar (4.30pm)

l-Erbgha u Erbghin Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

1. Qari u Approvazzjoni tal-minuti
2. Korrispondenza
3. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
4. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sa Settembru 2014
5. Ristrutturazzjoni ta' l-istaff klerikali
6. Hatra tal-Bord tal-Ghazla ghall-intervisti tal-ingagg ta' skrivan fuq bazi part-time
7. Hatra tal-Bord tal-Ghazla ghall-intervisti ghall-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv
8. Attivitajiet ta' Celebrazzjonijiet tal-450 sena anniversarju mill-Assedju l-Kbir
9. Diskussjoni dwar id-disinn tal-Fanali l-godda *(Street Lighting)*
10. Approvazzjoni ta' Performance Bonus tal-istaff klerikali ghas-sena 2014
11. Rendikont tal-attivitajiet relatati mal-Festi tal-Milied u tal-Community Chest Fund
12. Aggornament tal-Laqgha

**Prezenti**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Kunsilliera; Is-Sur Lawrence Attard, u s-Sur Anton Gellel
Is-Segretarju Ezekuttiv; Is-Sinjura Fiona Said
Il-Kunsillier s-Sur Alan Cassar kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol.

**Talba**

Il-Laqgha bdiet fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar. Is-Sindku qal it-talba u taha bidu ghall-Laqgha numru 44(06).

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Il-Minuti tat-tnejn u erbghin (42) laqgha tas-Sitt Kunsill gew iccirkolati minn qabel u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall irrefera ghall-materja numru 1.1 fejn qal li dwar il-progett tal-Berga tal-Ingilterra se jibdew ix-xogholijiet fil-jiem li gejjin. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li dwar dawn ix-xoghlijiet ghandu jkun hemm pjanti dettaljati.

***F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda il-Vici-Sindku s-Sur Trevor Mizzi.***

1.3 Rigward il-Librerija Regjonali, is-Sindku s-Sur John Boxall qal li sar il-ftehim mal-librar u il-Librerija qed tiftah l-Erbgha u l-Gimgha wara nofsinhar.

1.4 Rigward il-progett DECIDE, is-Sindku kkonferma li ma kienx attenta il-konferenza kif kien intqal fil-laqgha precedenti.

1.5 Rigward id-donazzjonijiet li ngabru ghall-Community Chest Fund, is-Sindku s-Sur John Boxall ikkonferma li ngabru €750 izda l-ispiza biex saru l-kalendarji u l-d-dvds u tqassmu lil kull resident kienet hafna iktar.

1.6 Rigward il-UIF Funds is-Sindku qal li hemm bzonn tittiehed id-decizjoni dwar il-progett li ghandu jsir mill-UIF Funds. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li jsir il-progett tas-*synthetic pitch* kif ukoll tal-*open-air gym*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Rigward ix-xoghlijiet li qed isiru fil-parti ta wara tal-Berga ta' Franza, is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li nkitbet ittra fej intghalbet l-ghajnuna finanzjarja lill-Onorevoli Dr Owen Bonnici izda s'issa il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel staqsa jekk hemmx xi konferma dwar it-talbiet l-ohra. Is-Sindku s-Sur John Boxall wiegeb li s'issa ghad hemm ikkonfermat fond ta' €45,000 ghar-restawr tal-Berga ta' Franza minghand Dr Stefan Buontempo.

1.8 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li l-Konferenza dwar it-Torri tal-Arlogg kienet giet ikkancellata u se ssir iktar 'il quddiem.

***F'dan l-istadju, is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li tigi diskussa materja numru 4, filwaqt li stieden lill-Accountants tal-Kunsill sabiex jipprezentaw u jispjegaw ir-rapport fil-Laqgha tal-Kunsill.***

**4. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sa Settembru 2014**

4.1 L-Accountant tal-Kunsill spjegaw li mir-rapport sa Settembru 2014 irrizulta li hemm profitt izda minhabba l-ammont ta' kredituri li akkumulaw matul is-snin precedenti, dan ma jistax jigi rifless. L-accountants spjegaw tajjeb ukoll li l-Kunsill ghamel avvanz kbir fejn jidhlu hlas ta' kredituri fejn irrizulta li dawn qed jonqsu komparat mar-rapporti ta' qabel.

***F'dan l-istadju tal-Laqgha l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi talab li jkun skuzat.***

4.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li dak li kien qed isir hazin fis-snin precedenti, issa qiegħed jigi rimedjat. L-accountants tal-Kunsill ikkonfermaw li sakemm il-kredituri jibqghu jithallsu , is-sitwazzjoni finanzjarja ghandha tibqa sejra il-quddiem.

***F'dan l-istadju tal-Laqgha, irritorna lura l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi***

4.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju sa Settembru 2014. Il-Kunsill approva unanimament.

***F'dan l-istadju tal-Laqgha (fis-6.15pm), il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard talbu li jkunu skuzati. Minhabba nuqqas ta' kworum, il-laqgha giet sospiza u tkompliet fis-7.00pm meta irritorna il-Vici-Sindku s-Sur Trevor Mizzi.***

*Tkomplija ta' materja numru* ***1: Approvazzjoni tal-minuti***

1.9 Rigward il-haddiema tal-ETC, is-Sindku s-Sur John Boxall qal li dawn qed jaghmlu hafna mix-xoghlijiet tal-Kunsill u ghaldaqstant ippropona li l-Kunsill jorganizzalhom ikla ta' ringrazzjament flimkien mal-helpers li jghinu lill-Kunsill kontinwament. Din l-ikla tista ssir minn donazzjonijiet li ngabru sabiex jigi organizzat il-party tal-Milied tat-tfal. Il-Kunsill approva unanimament.

1.10 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-Laqgha Numru 42(06). Il-Minuti 42(06) gew approvati unanimament mill-membri prezenti.

1.11 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-Laqgha Numru 43(06) wara li dawn gew iccirkulati minn qabel u ghaldaqstant ikkunsidrati bhala moqrija. Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgha Numru 43(06).

***F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda il-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard (fis-7.35pm)***

***Il-Kunsill qabel unanimament li f'dan l-istadju tigi diskussa materja numru 9.***

**9. Diskussjoni dwar id-disinn tal-Fanali l-godda.**

9.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li qe ikun hemm diversi ilmenti dwar id-disinn ta' dawn il-fanali. Id-dawl li jitfghu huwa wiehed sodisfacenti imma id-disinn mhuwiex addattat ghall-lokalita' tal-Birgu.

9.2 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ssugerixxa li fil-parti tal-Collachio jibqghu il-fanali ezistenti filwaqt li il-fanali l-godda jitwahhlu fi-parti l-ohra tal-Birgu.

9.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li ghandha tigi diskussa mal-periti l-possibilita li gol-parti msejha l-Collachio ma jitwahhlux dawk il-fanali izda hemmhekk ghandu jigi disinn ta' fanal li huwa simili ta' dak li hemm prezentament. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

***Il-Kunsill qabel li tigi diskussa materja numru 6***

**6. Hatra tal-Bord tal-Ghazla ghall-ingagg ta' skrivan fuq bazi part-time**

6.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk hux interessati li jiffurmaw parti minn dan il-Bord.

6.2 Il-Vici-Sindku s-Sur Trevor Mizzi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard urew l-interess taghhom dwar dan.

6.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona lis-Sur Charlie Camilleri sabiex ikun il-Membru indipendenti f'dan il-Bord, kif ukoll skrivana sabiex thejji r-rapport tal-Ghazla.

6.4 Ghaldaqstant gie approvat unanimament li l-Bord tal-Ghazla ghall-Ingagg ta' skrivan fuq bazi part-time ikun maghmul minn:

- Is-Sur John Boxall (Sindku)
- Is-sur Trevor Mizzi (Vici-Sindku)
- Is-Sur Lawrence Attard (Kunsillier)
- Is-Sur Charlie Camilleri (Membru Indipendenti)
- Skrivan (Is-Sinjura Moira Azzopardi/is-Sinjorina Lindsay Aquilina)

## 7. Hatra tal-Bord tal-Ghazla ghall-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv

7.1 Rigward is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sindku s-Sur John Boxall ikkonferma li s-Segretarju Ezekuttiv prezenti kienet ser itemm l-impjieg taghha u ghaldaqstant is-Sindku s-Sur John Boxall stieden lis-Segretarju Ezekuttiv biex jekk tixtieq, taghti spjegazzjoni dwar din l-ghazla.

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjura Fiona Said spjegat li dan il-pass hadietu ghax temmen li fejn se tmur tista tilhaq iktar l-aspettativi taghha. Filwaqt li rringrazzjat lill-Kunsill kollu ta' din l-esperjenza li taha, il-Kunsill irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv tal-hidma li wettqet f'dawn ix-xhur.

7.3 Fuq din is-sitwazzjoni, is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li minhabba li l-process sakemm jinghazel Segretarju Ezekuttiv gdid jista jiehu fit-tul iktar milli mistenni, ghandu jinhatar Deputat Segretarju Ezekuttiv mill-istaff prezenti tal-Kunsill Lokali sabiex nevitaw il-problemi li l-Kunsill ghadda minnhom fis-snin precedenti fejn inhatar Deputat Segretarju Ezekuttiv ghall-zmien qasir. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li ghaliha ser tkun difficli hafna biex tkun Agent Segretarju Ezekuttiv u dan minhabba sitwazzjoni personali li ma tippermettix li zzid din il-kariga. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li min-naha taghha tixtieq li tahdem sa nofs Jannar, dejjem jekk il-Kunsill jaqbel, minhabba li jekk tibqa iktar, mhux se tkun tista tinghata l-hand-over fejn sejra tahdem. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni sakemm tinghata hand-over lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv. Ghaldaqstant l-Kunsill ser ikun qed javvicina lid-Dipartiment sabiex tinghata l-awtorizzazzjoni ghal din id-decizjoni li jinhatar Deputat Segretarju Ezekuttiv mill-istaff tal-Kunsill prezenti sabiex tinghata l-hand-over sakemm jigi maghzul is-Segretarju Ezekuttiv.

***Il-Kontinwazzjoni tal-Laqgha tal-Kunsill giet aggornata ghall-ghada , 7 ta' Jannar fl-4.30pm***

Il-Laqgha ntemmet fit-8.20pm

| | |
|---|---|
| __________________________ | __________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | John Boxall |
| | Sindku |